MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 352/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Mifsud talli:

(1) fis-26 ta' Gunju 1998 u t-tliet xhur ta' qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kntroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija

mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

(2) fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

(3) fl-20 ta’ Jannar 1999 u l-granet ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.

Il-Qorti giet mitluba li barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Anthony Mifsud ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Novembru 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h0 tal-Kp. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Anthony Mifsud hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni

assorbita fl-ewwel wahda izda ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu, u kkundannatu sitt xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' €466 li tista' tithallas b'rati ta' €50 fix-xahar, l-ewwel pagament fi zmien erba' gimghat mid-data tas-sentenza appellata u jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa u jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux. Inoltre, ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligiiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-hlas ta' €451.06 spejjez peritali tal-Perit Valerio Schembri. Fl-ahharnett ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Mifsud ipprezentat fit-28 ta' Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni, u tirrevokaha u thassarha fejn instab hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet [bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda], u ghaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti peress illi jirritjeni li kien hemm "karenza palezi ta' l-icken prova kontrih". Jikkritika lill-ewwel Qorti ghax qalet li sabet il-htija skond "ir-regoli matematici tal-probabbilita`". Jikkritika lill-ewwel Qorti li qalet li Nicholas Taliana xehed li ma jaghrafx lill-appellant (allura imputat) meta fil-fatt xehed li hadd minn go l-awla kien "qdieh". Jikkritika lill-ewwel Qorti meta qalet li galadarba l-prosekuzzjoni ma tellghetx lil Isabelle Camilleri biex tixhed, imissha tellghetha d-difiza. Imbaghad, dwar l-elementi li wasslu lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni ta' htija (paragrafi 32 sa 36 tas-sentenza appellata), jghid: (1) Nicholas Taliana mkien ma jghid li n-numru fuq l-*organiser* huwa n-numru tal-persuna li

bieghtlu d-droga. (2) Vettura Hyundai Accent mhux wahda hawn f'Malta. (3) L-identita` tal-post minn fejn allegatament inbieghet id-droga saret minghajr ma kien prezenti Nicholas Taliana. (4) M'hemm xejn li jghaqqad lill-appellant mad-data li fiha ddahhlet l-isptar Isabelle Camilleri. (5) Il-fatt li t-tip ta' droga li kkonstata l-Ispizjar Mario Mifsud hi l-istess tip ta' droga li semma Nicholas Taliana wkoll ma torbotx lill-appellant mal-bejgh taghha. (6) L-istess fir-rigward ta' l-ammont ta' droga.

Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden, 2 ta' Novembru 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Giosue` Gauci, 28 ta' Dicembru 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et, 28 ta' Dicembru 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Dan il-kaz ra l-bidu tieghu meta certa Isabelle Camilleri ddahhlet l-Isptar issofri minn *overdose* ta' eroina. Hi u l-gharus taghha Nicholas Taliana kienu uzaw mill-istess eroina u kien Nicholas Taliana li hadha l-Poliklinika ta' Hal-Qormi mnejn ittiehdet l-Isptar San Luqa. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija u li kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal li kien xtara l-eroina minghand certu Twanny minn Hal-Qormi li ghandu l-laqam ta' "Nazju" li joqghod Tal-Vitorja "xi erba' bibien 'l fuq mix-Shooters Club". L-Ispettur Ciappara xehed li Nicholas Taliana tah karta minn gol-*organiser* tieghu fejn fuqha kellu miktub "Twanny ta' Nazju Qormi 09491254" u li giet iffirmata minnu u minn Taliana (ara Dok. NC1 a fol. 18). Ghalkemm l-*overdose* sehh fis-26 ta' Gunju 1998, l-appellant gie arrestat mill-Pulizija fl-20 ta' Jannar 1999. L-Ispettur Norbert Ciappara xehed li wara li sehh l-*overdose* huwa kompla l-investigazzjonijet tieghu u fl-20 ta' Jannar 1999 ta struzzjonijet sabiex issir tfittxija ghand l-appellant "li kien qed jirrizultali li kien dan l-istess Twanny ta' Nazju li kien indika Nicholas Taliana". Saret tfittxija kemm fir-residenza ta' l-appellant kif ukoll fil-kamra ta' l-ghalqa ta' missieru, mnejn ma rrizulta xejn konness ma' l-eroina.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant qal illi huwa joqghod in-naha tal-Vitorja u hemm kazin tal-kaccaturi, il-Victoria Shooters. Stranament ma giex mistoqsi x'inhu l-laqam tieghu. Fl-istess hin din il-Qorti osservat illi meta ffirma l-istqarrija tieghu, huwa ffirma bhala "Twanny". Mistoqsi x'inhu n-numru tal-mobile tieghu, huwa qal li huwa 09491254. Evidentement, dan in-numru huwa l-istess numru li kien hemm miktub fuq l-*organiser* ta' Nicholas Taliana. Issa, fl-istqarrija guramentata tieghu Taliana ma gie mistoqsi u ma jghid xejn dwar l-*organiser* u n-numru tal-mobile ta' Twanny ta' Nazju. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, pero`, Nicholas Taliana kkonferma li kien xtara l-eroina minghand "Twanny ta' Nazju" u li dan "Twanny ta' Nazju" kien tah in-numru tal-mobile li kiteb "fuq il-ktieb". Ix-xhud gie muri l-folja mill-*organiser* (Dok. NC1) u kkonferma li hi tieghu u li hemm l-firma tieghu fuqha. Mela minn dan m'hemm l-ebda dubju li, kuntrarjament ghal dak li sostna l-appellant, Nicholas Taliana kien qieghed jghid li l-

persuna li bieghtlu d-droga hija l-istess persuna li tatu n-numru tal-mobile li jidher fuq id-Dok. NC 1.

Nicholas Taliana gie mistoqsi jekk kienx qieghed jara l-persuna koncernata fl-awla u l-ewwel twegiba tieghu kienet li “ghadda hafna zmien bis-serjeta` kollha m’inhix ngharfu”. Fuq mistoqsija ohra tal-prosekuzzjoni dwar min seta’ qdieh minn go l-awla, wiegeb: “Hadd”. Imbaghad fuq mistoqsija jekk qattx ra jew iltaqax ma’ l-appellant wiegeb “M’inhix ngharfu.”

Issa, huwa minnu illi Nicholas Taliana ma identifikax lill-appellant fl-awla quddiem l-ewwel Qorti. Din il-Qorti pero` tifhem illi huwa difficli hafna biex persuna titla’ tixhed fil-Qorti sabiex tidentifika minghand min tkun xtrat id-droga. Apparti dan, fil-kaz in ezami, bejn id-data meta allegatament inxtrat id-droga u d-data li fiha kien qieghed jixhed Taliana kienu ghaddew kwazi sitt snin. Nonostante dan, jibqa’ l-fatt illi n-numru tal-mobile ta’ l-appellant huwa l-istess numru li Taliana kellu miktub fl-*organiser* tieghu. Taliana jaghti spjegazzjoni, logika u verosimili, ta’ kif in-numru gie ghandu. Mill-banda l-ohra l-appellant ma joffri l-ebda spjegazzjoni u lanqas cahda li kien hu li ta n-numru lil Taliana. Effettivament kien fl-interess ta’ min biegh l-eroina lil Taliana li jipprovdilu n-numru tal-mobile biex ikun jista’ jaghmel, ossia jibqa’ jaghmel, kuntatt mieghu.  Din il-Qorti tkompli tosserva wkoll illi d-deskrizzjoni li Taliana ta ta’ fejn iltaqa’ ma’ l-appellant, jaqbel mad-deskrizzjoni li ta l-appellant ta’ fejn tinsab ir-residenza tieghu. Ghalhekk il-konnessjoni bejn Taliana u l-appellant tezisti. Kwantu ghal dak li qal l-appellant dwar l-identifikazzjoni tar-razzett, ghalkemm fir-rikors ta’ appell tieghu jelenka azjendi ohra fix-xoghol tal-granit u rham f’Mdina Road, la jallega li dawn jinsabu biswit razzett u lanqas li jinsabu f’dik il-parti ta’ Mdina Road li minn Hal-Qormi taghti ghal Haz-Zebbug bhalma spjega Nicholas Taliana u bhalma spjega l-istess appellant. Difatti f’dik il-parti tat-triq – kif jista’ facilment jigi osservat minn kull min jghaddi minnha, bhalma ghamlet din il-Qorti – hemm fabbrika wahda biss biswit razzett, dik biswit ir-razzett ta’ l-appellant, ossia ta’ missier l-appellant. Kwindi m’hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra is-sottomissjonijiet ulterjuri ta’ l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------